MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 294/2008/1

**Raymond Vassallo**

**vs**

**Mario Cachia**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta April 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta Euro1,440.65c rapprezentanti kwantu ghal Euro 1,207.71c bhala spejjes sofferti mill-attur gewwa Ray's Lido Armier f'incident li sehh nhar it-12 ta' Gunju 2006 meta l-konvenut ikkommetta hsara

volontarja fl-istess hanut u dana kif jirrizulta minn ricevuti annessi mal-istess avviz markati Dok RV1 sa RV4 u kwantu ghal Euro232.94c bhala telf ta qliegh billi l-hanut kellu jinghalaq sa l-ghada.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 23 ta’ April 2008 fejn fl-ewwel lok eccepixxa l-intempestivita tal-azzjoni odjerna stante li huwa qatt ma gie nterpellat ghal kemm l-incident inqala xi 22 xahar qabel. Fit-tieni lok kwalunkwe eventwali hsarat ma gewx kawzati mill-konvenut u li l-valur tad-danni mitluba kienu ezagerati. B’riserva ghal prezentata ta’ eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema l-avukat difensur tal-attur jittratta verbalment.

Ikkunsidra.

Il-kaz in ezami bazikament jittratta dwar allegati hsarat li gew kawzati mill-konvenut fil-bar ta’ l-attur waqt argument shun li nqala bejniethom fuq il-kont tad-drinks. Ma hux kompitu ta’ dan it-Tribunal jidhol fil-kwistjoni ta x’wassal ghall-allegat agir vjolenti da parti tal-konvenut jew jekk il-kont tax-xorb kienx sew jew ezagerat. Il-kwistjoni li trid tigi trattata u deciza f’dan il-forum huwa biss jekk gewx ikkagunati hsarat fil-bar tal-attur minnhaba l-agir vjolenti da parti tal-konvenut u l-valur ta’ tali hsarat.

Malcolm Cutajar li kien qed jahdem ta’ Barman dak in-nhar spjega li f’hin minnhom wara li l-

konvenut gabar il-kont tieghu tax-xorb minghand l-attur, huwa beda tilef rasu u beda jkisser kull ma jara quddiemu. Skond dan ix-xhud il-konvenut kisser il-cash register, il-*panna machine*, *vending machine* tas-*soft drinks*, *fresh orange juice squeezer*, *milk shake liquidizer* u tal-*fresh orange* u cioe dak kollu li kien hemm fuq il-bar apparti xi tazzi. Spicca biex il-konvenut kellu jingibed il-barra minn shabu. Il-kont tad-drinks spicca hallashom hu l-konvenut wara ftit tal-hin. Minhabba din il-hsara dan ix-xhud spjega li kellhom ighalqu l-bar ghal habta ta l-4.00pm meta ssoltu huma jibqghu miftuhin sa tard bil-lejl. In kontro-ezami dan ix-xhud sostna li l-oggetti li saritilhom il-hsara ma setghux jintuzaw u difatti kollha ttiehdu mill-attur sabiex jissewwew kif fil-fatt gara u difatti ma nxtrawx ohra godda minnflokhom.

L-attur ukoll xehed li l-konvenut telghulhu hekk kif gabar il-kont tad-drinks. Beda jsabbat fuq il-bar, ikisser kul ma gie ghal idejh u jghajjat *“sraqtni”.* Ipprova anke jidhol wara l-bar ghalih. Baqa jitfa l-affarijiet ta fuq il-bar ghal isfel sakemm harguh shabu bil-forza. L-attur ukoll ikkonferma li gie kostrett jaghlaq il-hanut tieghu mal-4.00 pm minflok baqa miftuh sa tard fil-ghaxija. L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu l-ispejjes li sofra a bazi tad-dokumenti esebiti RV1 sa RV4 u kif ukoll l-ittra nterpellatorja Dok RVX. Jaghlaq billi kkonferma li hu l-konvenut spicca biex gie ftit wara sabiex ihallas il-kont tax-xorb. In kontro-ezami l-attur ighid li huwa kien ghamel rapport l-ghassa xi jumejn wara u meta kellu l-ircevuti tal-hsarat f’idejh rega mar l-ghassa biex jurihomlhom.

Is-surgent tal-pulizija PS715 Gatt Luciano ikkonferma li fl-14 ta’ Gunju 2006 l-attur kien irrapporta l-incident meritu ta’ din il-kawza li kien sehh jumejn qabel u dana kif jirrizulta mill-okkorrenza esebita mill-istess ufficcjal markata Dok LG1. Skond dan l-ufficcjal, il-konvenut kien ammetta mieghu li kien kisser xi oggetti ta’ l-attur

u difatti kien lest li jirranga kollox mieghu direttament. Jikkonferma wkoll li in segwitu l-attur kien gablu stima tal-hsarat li kienu jammontaw ghal cirka Lm518. Dana kollu jinsab rappurtat fl-okkorrenza.

Ix-xhud Brian Bugeja li kien wiehed minn shab il-konvenut jafferma li kien l-attur li beda jghajjat u jsabbat fejn il-cash register. Meta mbaghad raw lill-konvenut jimbotta lill-attur iddecidew li johorgu l-konvenut il-barra. Ma ra xejn jaqa mal-art f'dan l-incident u ma ra xejn aktar minn daqshekk. Ma jispjegax il-ghala kien l-attur li beda l-argument ma l-konvenut meta wasal il-kont. Lanqas ma jispjega il-ghala kienu kostretti johorgu l-konvenut il-barra meta skond dan ix-xhud il-konvenut ma ghamel xejn hazin ghajr li semplicement imbotta biss lill-attur. Din il-verzjoni t-Tribunal ma jsibha xejn kredibbli daqs kemm ma jsibx kredibbli il-verzjoni kwazi kelma b'kelma li jaghtu shabu ohra fosthom certu Ibrahim Shah u huh Oliver Cachia. Hutu l-ohra Peter u Silvio Cachia ghalkemm taw ix-xhieda taghhom pero dawn ma kienux gewwa l-bar meta nqala l-incident. Hu sinifikanti li jigi notat pero li in kontro-ezami Ibrahim jasal biex jammetti li l-glieda kienet pjuttost aktar shuna minn semplici mbuttatura u kien ghalhekk li ddecidew li ahjar johorgu l-barra lill-konvenut pero jinsisti li l-argument baqa wiehed verbali biss u qatt ma gew fl-idejn. Ma ra xejn jaqa mal-art - kollox fuq il-bank baqa. In kontro-ezami Oliver Cachia jasal biex jafferma li ddecidew li johorgu lil huh il-barra peress li fil-glieda kien hemm anke loghob ta' l-idejn cioe mhux semplici argument verbali.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li meta huwa kkontesta l-kont tax-xorb mal-attur kien dan ta' l-ahhar u mhux hu li beda jsabbat fuq il-cash register. Meta ra hekk kull ma ghamel il-konvenut kien semplicement li mbotta lill-attur minn rasu u kien f'dan il-mument li shabu gibduh lura l-barra. Huwa jghid li dak in-nhar spicca biex ma hallasx

tad-drinks pero xi ftit tal-jiem wara cempillu l-ispettur fejn qallu li l-attur kien qed jitlob madwar Lm70 tal-ispejjes.

It-Tribunal isib il-verzjoni moghtija mill-konvenut ghal kollox inkredibbli. Fl-ewwel lok ma kien jaghmel ebda sens li ghal darba ohra jghid lill-attur biex jigbidlu kont wiehed fl-ahhar meta s-sena ta' qabel, skond hu, gia kellhom argument fuq il-kont tax-xorb. Lanqas ma hu kredibbli l-konvenut meta jghid li kull ordni kien qed inizzilha fuq il-mobile tieghu partikolarment meta tqis in-numru ta' persuni li kienu qed jordnaw ir-rounds tad-drinks u li kienu ilhom jixorbu xorb alkoholiku b'mod kontinwu ghal madwar sitt sighat. Ma jaghmel ebda sens li kien l-attur li beda jsabbat fuq il-cash register tieghu stess meta ghadda l-kont lill-konvenut. Lanqas ma hu kredibbli l-konvenut, partikolarment meta tqis l-istat ta xorb li kien fih u mdawwar bi shabu, li huwa kull ma ghamel kien biss li mbutta lill-attur. Tant l-agir ta' l-konvenut kien  aktar shun minn kif qed jallega hu, li shabu gew kostretti jkaxkruh il-barra sabiex jieqaf l-argument li huwa kellu mal-attur. Il-konvenut ukoll donnu nesa jew huh ma qallux li ma kien hemm ebda pendenza bejniethom fuq il-kont tax-xorb peress li dan kien thallas minn huh Peter Cachia ftit tal-hin wara l-incident kif konfermat mill-istess Peter Cachia fix-xhieda tieghu. Illi fi kwalunkwe kaz pero ma jistax ikun minnu li l-Ispettur cemplillu xi 10 t'ijiem wara biex ighidlu dwar pretenzjoni ta Lm70 stante li mkien ma gie rappurtat lill-pulizija li l-hsara kienet ser titla sa daqshekk. Fil-fatt l-istima kienet ta' madwar Lm518 f'dak iz-zmien.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandu ebda ombra ta' dubbju li dak in-nhar tal-incident in kwistjoni l-attur sofra hsarat f'diversi oggetti proprjeta tieghu u dana per konsegwenza tal-agir dirett u vjolenti da parti tal-konvenut.

Illi dwar l-ammont tal-hsarat mitluba jigi notat li ghalkemm l-attur ipproduca prova dokumentarja dwar il-hsarat materjali li huwa sofra fil-hanut oltre x-xhieda guramentata tieghu, pero mhux l-istess jista jinghad ghall-allegat telf ta' qliegh. Ghalkemm l-attur u kif ukoll ix-xhud Malcolm Cutajar it-tnejn xehdu li per konsegwenza ta' l-incident il-hanut kellu jinghalaq fl-4.00pm meta ssoltu jibqghu miftuhin sa tard fil-ghaxija, ma ngabet ebda prova sostanzjata dwar l-istess u ghalhekk fuq tali valur it-Tribunal irid jasal ghalih arbitrio buon viri. Illi meta wiehed iqis in-numru ta' persuni li kienu qed jiffrekwentaw dak il-hanut tax-xorb, il-fatt li kien qed jigi kkunsmat xorb alkoholiku, b'diversi persuni jaghmlu r-rounds lin-nies prezenti, l-fatt li l-patruni kienu qieghdhin f'vena festiva u l-fatt li kien ghad fadal certament ta' l-anqas hames jew sitt sighat ohra potenzjali ta' negozju, it-Tribunal iqis li l-ammont mitlub ghal telf konsegwenzjali ta Euro232.94c huwa ferm konservattiv, rejalistiku u certament mhux ezagerat.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Euro1,440.65c (elf, erba' mija u erbghin ewro u hamsa u sittin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenut.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex jispecifika zewg aggravji minnu pretizi sofferti bil-gudizzju tat-Tribunal.  Dawn huma s-segwenti:-

1. It-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex, skond hu, l-attur naqas li jgib l-aqwa prova ghall-konferma tad-danni li jghid li sofra;

2. It-Tribunal skarta ghal kollox il-versjoni tieghu tal-fatti kif korroborata minn xhieda ohrajn in mertu ghall-kwestjoni tar-responsabilita`;

Il-Qorti jidhrilha li fl-ewwel lok ghandha tibda biex tikkonsidra t-tieni aggravju, anke ghaliex jekk dan jinsab li hu fondat ma jkunx hemm l-utilita` li tghaddi ghall-indagini tal-kwantum tad-danni kontestati;

Rigward l-aggravju tar-responsabilita` hi l-fehma accertata ta' din il-Qorti illi, fil-kumpless, il-kwadru tal-kaz isostni l-konkluzjoni tat-Tribunal. Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod taghmel ri-epilogu tas-singoli provi ghaliex dawn huma sew riportati fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. M'hemmx dubju li fiz-zmien rilevanti nholoq incident li gie pprovokat mill-konvenut meta, b'mod sproporzjonat ghall-ahhar, irreagixxa ghall-kont tax-xorb pprezentat lilu mill-attur;

2. M'hemmx lanqas dubju illi, x'aktarx taht l-influwenza tax-xorb, kien il-konvenut illi bl-aggressjoni tieghu kkaguna hsara fl-oggetti proprjeta` ta' l-attur;

3. Mhix affattu accettabbli c-censura rivolta versu t-Tribunal illi ghall-allokazzjoni tal-htija fil-konvenut huwa kkampa ruhu solament fuq il-versjoni rakkontata mill-attur. Evidentement, u anke konvenjentement, l-appellanti jinjora l-ammissjoni tieghu stess lil PS 715 Luciano Gatt ghall-incident li sar fil-bar ta' l-attur u ghad-distruzzjoni ta' l-oggetti. Konfessjoni din iddikjarata li baqghet ma gietx zmentita mill-appellanti, anke ghaliex dan naqas li jikkontro-ezamina lis-Surgent fuq l-Incident Report minnu redatt u esebit a fol. 31;

4. Ikollu jinghad illi fic-cirkostanzi komplessivi li jinzlu mill-provi huwa ferm difficli illi l-Qorti tiskaguna lill-appellanti mir-responsabilita tieghu ghad-danni kagjonati;

Premess dan, fuq l-ewwel motiv ta' aggravju din il-Qorti tibda biex tosserva in linea generali illi, indubitament, hu dak il-fatt illecitu tal-konvenut il-kawza necessarja tal-konsegwenzi dannuzi determinati li rrizultaw. Skond il-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, id-danni rizarcibbli huma dawk rizultanti b'mod dirett u immedjat ma' l-event li jkun ta lok ghalihom. Rizarciment dan li, dejjem skond l-istess provvediment, hu komprensiv tat-telf attwali subit u tal-qligh mankat in bazi ghall-principju *id quo plerumque accidit*;

Hlief ghall-aspett uniku li ser jigi ttrattat aktar 'l isfel, l-appellant mhux gustifikat fejn jissottometti illi l-attur ma kkonfermax bil-gurament ir-ricevuti kollha li pprezenta u li skond hu kienu fil-forma ta' stima. Mill-wicc tad-dokumenti esebiti minn fol. 2 sa fol. 6 jirrizulta sew x'kienu l-irjus tad-danni, u tali huma korroborati wkoll sija mill-attur (fol. 20), ix-xhieda tieghu Malcolm Cutajar (fol. 16) u wkoll mid-dokument supplit *a tempo debito* lis-Surgent Gatt li xehed dwaru fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2008 (fol. 28). Akkoppjat ma' dan kollu hemm id-dikjarazzjoni ta' l-attur li kkonferma illi hu hallas ghat-tiswijiet ta' l-oggetti danneggjati;

Kif inhu sew maghruf in bazi ghad-dritt razzjonali probatorju illi fatt hu sufficjentement provat meta l-gudikant ikollu c-certezza morali tal-verita` ta' dak il-fatt. Dment allura li t-Tribunal ma kellu ebda dubju dwar l-irjus tad-danni attwali subiti ma kellux ghalfejn jesigi prova ahjar minn dik sottomessa mill-attur. Jekk ried, l-appellanti seta' dejjem jikkonfuta u jikkontrasta l-entita tad-danni izda dan hu baqa' ma ghamlux. Ma jistax issa jippretendi illi ma ngabetx l-ahjar prova ghaliex, apparti li ma kien hemm xejn x'jimpedih milli jressaq provi biex jikkontestahom, il-principju kien, u jibqa' dak li t-Tribunal jiddeciedi *iuxta alligata et probata*;

Dan iwassal ghall-punt aktar 'il fuq rizervat u li jikkoncerna l-aspett ta' l-allegat telf ta' qligh;

Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal irravviza illi l-attur ma gab ebda prova sostanzjata dwar dan ix-xorta ta' telf izda mbaghad ghadda biex japplika l-arbitriju ghall-accettazzjoni tas-somma reklamata ghal dak it-telf;

Il-Qorti hi tal-fehma illi, filwaqt li tirrikonoxxi l-poter diskrezzjonali fit-Tribunal, il-principju ta' l-ekwita ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, hu intiz biex jikkolma ghas-sitwazzjoni fejn tonqos il-prova preciza ghall-finijiet tad-determinazzjoni tat-telf, u mhux ukoll fejn il-prova hi ghal kollox mankanti. Dan qed jigi rilevat, dejjem fuq il-fehma tal-Qorti, in kwantu s-setgha akkordata lit-Tribunal ma kienetx tezonera lill-attur mill-oneru li, almenu, jissuplixxi dawk l-elementi probatorji sufficjenti li jipprovaw dak it-telf u dan skond xi wiehed mill-mezzi ammessi mill-ordinament guridiku. Ara fuq il-punt is-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet "**Rita Sultana *et* -vs- Antoine Colombo *et***". Fil-verita`, ma jidherx fil-kaz prezenti illi kellu jkun hemm xi diffikolta insormontabbli fl-attur biex bi sforz diligenti, igib il-prova, u mhux sempliciment asserzjoni, tat-telf tal-qligh li jghid li sofra. La dan ma sarx hekk minnu, il-vojt ma kellux jimtela *sic et sempliciter* bl-uzu ta' l-arbitriju. Del resto jekk wiehed hekk joqghod fuq l-atti ma jistax jonqos li jigi notat illi l-attur innifsu fiz-zmien tar-rapport tieghu tas-Surgent Gatt mhux biss ma tah l-ebda indikazzjoni jew prova ta' dak l-istess telf izda lanqas biss ippretendih ghaliex kieku kien isemmihulu. Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandu jkun hemm diminuzzjoni fil-kwantum tad-danni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tirrigetta l-appell in mertu ghall-kwesjtoni tar-responsabilita`, tvarja s-sentenza appellata billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirreduci l-ammont tad-danni ghal elf mitejn u seba' euro, wiehed u sebghin centezmi (€1207.71).**

**L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------